MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1059/2003/1

**John Patrick u Mary Carmen miżżewġin Hayman,**
**Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju**
**u bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Elaine**

**v.**

**Edmond Espedito Mugliett u martu Maria Theresa**
**għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:

"Billi l-atturi huma l-eredi *ab intestato* tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman li miet fit-23 ta' April 2001.

"U billi l-konvenut u n-Nutar Dottor John Patrick Hayman kellhom kont bankarju flimkien "Savings" intestat "Mr. Edmond Espedito Mugliett & Dr. John Hayman" mal-Bank of Valletta p.l.c., li jgib in-numru 115-0858402-0, skond ma jirrizulta mill-anness rendikont li qed jigi markat bhala Dokument A.

"U billi l-konvenut arbitrarjament u minghajr ebda dritt zbanka s-somma ta' erbghin elf u hames mitt lira Maltin (LM40,500) mill-imsemmi kont fl-24 ta' April 2001, l-ghada li miet in-Nutar Dottor John Patrick Hayman, u dan skond ma jirrizulta wkoll mid-Dokument A anness.

"U billi l-konvenuti gew interpellati biex jirrifondu lura din is-somma halli terga' titqieghed f'kont bankarju sabiex tigi zbankata minn min ghandu jedd ghaliha skond il-ligi, izda sal-lum baqghu inadempjenti.

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti jirrifondu s-somma fuq indikata fil-kont 'savings' mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 115-0858402-0, jew f'kont bankarju iehor li joghgobha tindika din l-Onorabbli Qorti, u dan sabiex l-istess somma tkun tista' tigi zbankata minn min ghandu jedd ghaliha skond il-ligi, u dana taht kull provvediment xieraq u opportun lijoghogobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' April 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' April 2003 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi kif inhi dedotta c-citazzjoni jidher illi l-atturi m'ghandhomx l-interess guridiku jintavolaw din l-azzjoni

ghax dan l-interess irid ikun attwali, reali u personali, u l-konvenuti ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju minhabba karenza ta’ interessda parti mill-atturi;

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, il-kont bankarju kien avolja kien intestat b’dan il-mod il-kont u l-flus depozitati fih kienu esklussivament tal-konvenuti u n-Nutar Hayman kien bhala professjonist nutarili ma kellux interess personali fih, kif jigi ppruvat meta u jekk l-atturi xi darba jressqu gudizzjarament talba ghad-dikjarazzjoni illi huma ghandhom interess jew sehem minn dawn il-flus.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Gunju, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“.... wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tordna lill-konvenut irodd is-somma ta’ erbgħin elf u ħames mitt lira (Lm40,500), flimkien ma’ l-imgħax fuqha minn dakinhar meta nġibdet sa dakinhar meta tintradd u bir-rata li tingħata fuq kontijiet *savings*, u tordna wkoll illi din is-somma terġa’ titqiegħed minnufih fil-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-*Bank of Valletta p.l.c.* jew, jekk dak il-kont ingħalaq, f’kont ieħor f’isem il-konvenut u l-atturi bħala l-werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, b’dan illi l-flus ma għandhomx jinġibdu mill-kont fejn jitqiegħdu jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b’ordni tal-Qorti.

“Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-fatti relevanti għal din il-kawża seħħew hekk:

“Il-konvenut u n-Nutar John Patrick Hayman kellhom kontijiet bankarji flimkien, f’isem it-tnejn, fosthom il-kont mal-*Bank of Valletta p.l.c.* li dwaru saret din il-kawża. Il-konvenut fisser illi l-flus f’dawn il-kontijiet kienu tiegħu, iżda l-kontijiet fetaħhom f’ismu u f’isem in-nutar flimkien għax hu kien isiefer ta’ spiss, u kien jeħtieġ illi xi ħadd f’Malta jkun jista’ jħaddimlu l-kontijiet jekk ikun meħtieġ

meta hu jkun barra. Għalkemm dan il-ħsieb seta' kisbu wkoll billi lin-nutar jagħtih prokura, il-konvenut għażel minflok il-metodu ta' *joint account*.

"Barra l-kont li dwaru saret il-kawża, kien hemm kontijiet oħra li fuqhom kien jidher in-Nutar Hayman flimkien mal-konvenut, fosthom ukoll kontijiet ta' soċjetà tal-konvenut.

"Ġara illi fl-14 ta' Marzu 2001 din is-soċjetà kienet bigħet proprjetà immobbli bil-prezz ta' ħamsa u erbgħin elf lira (Lm45,000)[1], li tħallset b'*banker's draft*[2] pagabbli lis-soċjetà. Il-konvenut dakinhar stess mar iqiegħed dan id-*draft* fil-kont li s-soċjetà kellha man-nutar, iżda sab illi l-kont kien ingħalaq bla ma kien jaf. Għalhekk iġġira d-*draft* u qiegħdu, flimkien ma' xi flus oħra, fil-kont li dwaru saret din il-kawża. Fil-fatt dakinhar fil-kont tqiegħdu tlieta u ħamsin elf lira (Lm53,000)[3].

"Fit-23 ta' April 2001 in-Nutar Hayman miet u l-għada, l-24 t'April 2001, il-konvenut ġibed erbgħin elf u ħames mitt lira (Lm40,500), illi, ħlief għal tmintax-il lira (Lm18) li baqgħu fil-kont, kienu l-bilanċ attiv dakinhar.

"L-atturi qegħdin igħidu illi, ladarba l-kont kien kemm f'isem il-konvenut kif ukoll f'isem in-nutar, il-konvenut ma kienx imissu jiġbed il-flus waħdu wara li miet in-nutar; il-konvenut qiegħed igħid illi seta' jagħmel li ried għax il-flus huma tiegħu.

"Inqisu l-ewwel l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess.

"Il-konvenuti qegħdin igħidu illi t-talba ta' l-atturi ma hijiex li l-flus jingħataw lilhom; it-talba hi biex il-flus jerġgħu jitqiegħdu fil-kont "sabiex l-istess somma tkun tista' tiġi żbankata minn min għandu jedd għaliha skond il-liġi". Għalhekk, igħidu l-konvenuti, l-atturi jkollhom interess biss jekk juru illi huma dawk li għandhom jedd għall-flus, ħaġa li mhux biss ma għamluhiex iżda lanqas biss qegħdin ifittxu li jagħmluha f'din il-kawża.

---

1 *Foll.* 42 *et seqq.*
2 *Fol.* 50.
3 *Fol.* 5.

"Fil-fehma tal-qorti, l-interess ta' l-atturi biex imexxu b'din il-kawża huwa ċar.

"Għalkemm ma joħloqx preżunzjoni *iuris et de iure*, il-fatt illi kont bankarju jkun f'isem persuna joħloq preżunzjoni, għall-inqas *prima facie*, illi dik il-persuna għandha interess f'dak il-kont u hija titolari tiegħu. Din il-preżunzjoni tista' tingħeleb, iżda bil-mezzi li tagħti l-liġi u mhux bl-għemil unilaterali ta' ħaddieħor.

"Fil-każ tallum li ġara hu appuntu illi l-għemil unilaterali tal-konvenut, li ġibed il-flus wara l-mewt tan-nutar mingħajr il-kunsens tas-suċċessuri tiegħu, bidel stat ta' fatt li kien juri, għall-inqas *prima facie*, illi n-nutar, u, wara mewtu, is-suċċessuri tiegħu, kellhom interess f'dawk il-flus. Li qegħdin ifittxu li jagħmlu l-atturi issa hu illi jerġgħu iġibu fis-seħħ dak l-istat ta' fatt biex il-preżunzjoni li joħloq terġa' tqum u, jekk għandha tingħeleb, dan isir *per vie di diritto* u mhux *per vie di fatto* kif ġara meta l-konvenut ġibed il-flus.

"Ma jistax jiġi kontestat illil-atturi għandhom dan l-interes, u l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess hija għalhekk miċħuda.

"Għalkemm l-atturi f'din il-kawża ma humiex qegħdin jitolbu dikjarazzjoni dwar min għandu jedd għall-flus, il-konvenuti setgħu wessgħu l-meritu tal-kawża billi jressqu eċċezzjoni illi l-flus għandhom jedd għalihom għax huma tagħhom, u jagħmlu prova ta' dan. Iżda għalkemm fit-tieni eċċezzjoni l-konvenuti effettivament qalu illi "l-flus depożitati [fil-kont] kienu esklusivament tal-konvenuti", komplew igħidu illi l-prova ta' dan issir "meta u jekk l-atturi xi darba jressqu ġudizzjarjament talba għad-dikjarazzjoni illi huma għandhom interes jew sehem minn dawn il-flus".

"Il-konvenuti, fi kliem ieħor, qegħdin ifittxu li jaqilbu l-oneru tal-prova: iridu illi flok ikun imiss lilhom li juru illi, minkejja l-fatt illi l-kont huwa f'isem il-konvenut u n-Nutar Hayman flimkien, il-flus huma tal-konvenuti biss, ikun imiss lill-atturi li juru — issa li l-flus inġibdu unilateralment — illi għandhom sehem fil-flus. Għalhekk, ladarba lanqas il-

konvenuti ma huma qegħdin jagħmlu t-titolarità tal-flus meritu ta’ din il-kawża tallum, lill-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tagħti deċiżjoni dwar min għandu jedd għall-flus, iżda biss tordna illi kollox jitqiegħed fl-i*status quo ante* sabiex id-deċiżjoni tittieħed jew mill-partijiet flimkien bi ftehim jew mill-qorti wara proċeduri fejn issir il-prova li trid il-liġi, u mhux b’għemil unilaterali ta’ xi waħda mill-partijiet.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti jghogobha:
“thassar u tirrevoka ghal kollox is-sentenza appellata tat-2 ta’ Gunju, 2006, inkluz fejn laqghet it-talba attrici illi l-appellanti gew ordnati illi jirrifondu jew jiddepozitaw f’kont gdid mal-Bank of Valletta plc, u skond ma jintqal fis-sentenza appellata, s-somma ta’ Lm40,500 u l-imghaxijiet legali mill-24 ta’ April, 2001 fi zmien li gie prefiss lilhom, u minflok joghgobha tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti illi l-azzjoni attrici kif dedotta m’hijiex sostenibbli skond il-ligi minhabba karenza ta’ interess guridiku, jew ghar-ragunijiet ohrajn suesposti, u tehlishom mill-osservanza tal-gudizzju.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.”

Rat ir-risposta ta’ l-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu l-konferma tas-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna joint account fil-Bank of Valletta p.l.c. intestat fuq isem in-Nutar Dottor John Hayman, l-awtur ta’ l-atturi, u l-konvenut Edward Espedito Mugliett. Fit-23 ta’ April, 2001, in-Nutar Hayman miet u l-ghada, l-24 ta’ April, 2001, il-konvenut, minghajr ma nforma lill-bank bil-mewt tan-Nutar Hayman, gibed

Lm40,500, illi, hlief ghal Lm18 li thallew fil-kont, kienu l-bilanc attiv dakinhar.  L-atturi, bhala l-eredi tan-Nutar Hayman, talbu biex dawn il-flus jitpoggew lura fil-kont biex tigi eventwalment zbankata minn min ghandu jedd ghal dawk il-flus skond il-ligi.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti accettat l-argumenti ta' l-atturi u ordnat lill-konvenuti jroddu s-somma ta' Lm40,500 flimkien ma' l-imghax relattiv.

Il-konvenuti ma qablux mas-sentenza u resqu appell bl-aggravju principali jkun li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku jippromwovu din l-azzjoni, u li f'kull kaz l-izbank ma kienx wiehed arbitrarju u li l-Qorti ma setghetx tordna "hlas" minghajr ma ddikjarat min hu l-kreditur kanonizzat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti ta' l-appellanti.  Il-kont in kwistjoni huwa intestat fiz-zewg persuni indikati u marbuta bil-konguntiv "*and*".

Meta jitpoggew flus f'kont, ir-relazzjoni mhix proprjament wahda ta' depozitu, izda ta' self (ara "Modern Banking Law" ta' Ellinger u Lomnicka – Oxford University Press 1994 Ed. Pagna 108 – u **Miggiani v. Galea**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Dicembru, 1900).  La darba sar "self" lill-bank minn tnejn min-nies, ma jistax wiehed minnhom, ad insaputa tal-kreditur l-iehor, jaqbad u jigbor ghalih is-somma kollha hekk mislufa.  Anke jekk bejn il-kredituri kienet tezisti s-solidarjeta` attiva, fit-termini ta' l-Artikolu 1090 tal-Kodici Civili, li tippermetti kreditur wiehed jitlob il-hlas tal-kreditu kollu, peress li, fis-sistema taghna, din is-solidarjeta` hi bazata fuq il-mandat reciproku (tant li tista' tigi terminata unilateralment minn wiehed mill-kredituri), u l-mandat jispicca mal-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju (Artikolu 1886(b) tal-Kodici Civili), allura kwalunkwe arrangament li seta' kien hemm bejn in-Nutar Hayman u l-konvenuti fil-kuntest tat-thaddim ta' dan il-kont, spicca mal-mewt tan-Nutar Hayman, u l-konvenuti ma kellhomx aktar awtorizzazzjoni jagixxu anke f'isem l-eredi tal-kreditur l-iehor u jizbankaw kwazi l-flus kollha.

Barra minn dan, l-Artikolu 586 tal-Kodici Civili jiddisponi li hadd ma jista' jiddisponi minn flus jew xi haga ohra li jkunu jappartjenu lill-wirt, "hlief b'testment", u ghalhekk wara l-mewt tan-Nutar Hayman, sehemu minn dawk il-flus jew l-interess tieghu fil-kont bankarju ma setghux jigu irtirati jew imnehhija mill-konvenuti.

Din il-Qorti taghmilha cara li hi mhux qed tghid li l-eredi tan-Nutar Hayman ghandhom xi sehem minn dawk il-flus, izda li la darba l-kont huwa *joint*, *prima facie* in-Nutar Hayman kellu interess f'dak il-kont, u dak l-interess irid jigi likwidat in kontestazzjoni ma' l-eredi tieghu, u mhux jingieb fix-xejn b'azzjoni unilaterali tal-konvenuti.

Hawn jidher l-interess guridiku li ghandhom l-atturi. Bhala *prima facie* ko-kredituri fis-somma depozitata fil-kont in kwistjoni, ghandhom interess li dik is-somma tigi riprestinata fl-istat li kienet sakemm jew bi ftehim bejn il-partijiet interessati kollha jew b'operat tal-Qrati, tinghata lil min ghandu dritt ghaliha skond il-ligi. Jista' jkun li ghad jirrizulta li l-atturi m'ghandhomx sehem mill-flus tal-kont, izda, peress li hemm kontestazzjoni, din il-materja trid tirrizolvi ruhha gudizzjarjament u mhux unilateralment. Il-konvenuti ghalhekk, agixxew abuzivament u bla ebda dritt meta ddecidew li l-flus fil-kont huma taghhom u haduhom, minkejja l-interess ovvju ta' l-atturi li l-*istatus quo* ma jigix disturbat hlief bi ftehim jew bl-intervent ta' dawn il-Qrati.

Il-konvenuti lanqas ma jistghu, f'dawn ic-cirkustanzi, izommu nofs id-depozitu, peress li m'hemmx qbil li s-somma tappartjeni nofs kull wiehed liz-zewg kredituri. Fil-fatt, f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma gietx mitluba tiddetermina lil min jappartjenu l-flus, u ghalhekk m'hemmx htiega li jigi determinat min hu l-kreditur ta' liema sehem jew ta' kollox. Din il-kwistjoni sejra tibqa' impregjudikata, u kull ma jista' jigi u qed jigi deciz hu li l-konvenut jpoggu l-flus lura fil-kont, u mhux "ihallsu" xi somom lill-atturi.

L-atturi, f'dan l-istadju, mhux qed jitolbu li jsir lilhom xi hlas ta' xi ammont ta' flus, izda, bhala persuni altament interessati fil-kont bankarju in kwistjoni, qed jitolbu li dak il-

kont jigi ripristinat bil-flus li kien hemm fih qabel ma gew irtirati (piu` l-imghax) sabiex min jirreklama xi titolu fuq l-istess flus jipprova dan it-titolu in kontradizzjoni tal-legittimu kontradittur, cioe`, dak li jkollu interess jikkontesta dik il-pretensjoni. Din hi azzjoni legittima, intiza wkoll ghall-preservazzjoni ta' l-*istatus quo* u biex hadd, minn diversi persuni li jista' jkollhom interess, ma jiehu l-ligi f'idejh u jagixxi unilateralment a skapitu ta' l-ohrajn.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata – b'dan li issa ovvjament, id-depozitu jrid isir fi flus Euro ekwivalenti ghal dawk f'liri Maltin kif stabbilit mill-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum*; u peress li din il-Qorti tqis dan l-appell bhala frivolu u vessatorju, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn, u dan skond l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------